Think & Learn

ANSWERS

3

# MALTI

**Paġni nieqsa:** pġ 17, pġ 19 tweġibiet fil-wordsearch, pġ 23 tweġibiet fil-wordsearch, pġ 53 tweġibiet fil-wordsearch, pġ 68 tweġibiet fil-wordsearch, pġ 88 tweġibiet fil-wordsearch

BDL

BDL Publishing

Christopher J. Micallef

© Book Distributors Limited
www.bdlbooks.com

All rights reserved.

## Paġna 2

1. **v**a**p**u**r**
2. **l**a**p**e**s**
3. **q**a**tt**u**s**
4. **x**e**mx**
5. **ħ**u**t**
6. i**lm**a
7. i**d**
8. **ż**ie**m**e**l**
9. **ħ**o**rn**

## Paġna 3

1. b**a**qr**a**
2. fj**u**r**a**
3. f**e**kr**u**n**a**
4. br**a**m
5. x**i**t**a**
6. kt**ie**b
7. b**a**rm**i**l
8. t**u**ff**ie**ħ**a**
9. k**a**r**o**zz**a**

## Paġna 4

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fil-klassi hemm disat itfal.
2. It-tfal qed jisimgħu lill-għalliema titkellem.
3. James qed jgħolli jdejh.
4. Naħseb li jrid jistaqsi mistoqsija.
5. Hemm ħamest ibniet.
6. Naħseb li l-għalliema jisimha Ms Sciberras.
7. L-għalliema hi mara twila, pulita, xagħarha qasir iswed u gustuża.
8. Iva, naħseb li t-tfal huma ferħanin fil-klassi għax qed jitbissmu.
9. Naħseb li t-temp hu xi ftit sħun għax ħafna mit-tfal lebsin flokk bil-komma qasira.
10. Hu waranofsinhar għax l-arloġġ qed jimmarka n-nofsiegħa.

## Paġna 5

1. It-tifel beda t-tielet sena tal-iskola primarja.
2. Il-klassi tiegħu qiegħda fis-sular ta' fuq tal-iskola.
3. Il-bankijiet u s-siġġijiet huma ikbar għax issa t-tfal qed jikbru.
4. Mal-ħitan hemm ħafna ċarts sbieħ u kkuluriti.
5. Fil-klassi hemm żewġ twieqi.
6. Il-purtieri huma oranġjo.
7. Fuq wara tal-klassi hemm librerija żgħira u mejda f'rokna.
8. It-tifel hu kuntent l-iżjed għax l-għalliema poġġietu fil-filliera ta' quddiem ħdejn l-akbar ħabiba tiegħu.

## Paġna 6

*Il-klassi tiegħi (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-klassi tiegħi hi kbira u mdawla.
2. Il-purtinar iżommilna l-klassi nadifa.
3. Il-klassi tiegħi qiegħda fis-sular ta' fuq tal-iskola.
4. Il-bankijiet u s-siġġijiet tal-klassi huma ħodor.
5. Fil-klassi għandna librerija żgħira.
6. Mal-ħitan tal-klassi hemm ċarts sbieħ tas-suġġetti kollha.
7. L-iskrivanja tal-għalliema qiegħda fil-ġenb ħdejn it-tieqa.
8. Mit-tieqa tal-klassi nistgħu naraw l-għelieqi li hemm faċċata tal-iskola.

## Paġna 7

1. Erica
2. Zach
3. Matthew
4. Sam
5. Christine
6. Karen
7. Chris
8. David
9. Lara
10. 1Martina

## Paġna 8

David kien ferħan għax ġie l-**ewwel** u rebaħ it-tellieqa. Martina marret tajjeb ukoll għax ġiet it-**tieni**. Karen spiċċat it-tellieqa ftit wara Martina u ġiet it-**tielet**. Sam ma tantx jittrenja imma spiċċa r-**raba'**. Matthew kien kuntent ukoll. Dejjem jiġi minn tal-aħħar imma llum ġie l-**ħames**. Lara ma tantx tħobbu l-isport u l-għalliem baqa' skantat għax ġiet fis-**sitt** post. Fis-**seba'** post ġiet Christine. Zach ma ġiex minn ta' quddiem għax ġie t-**tmien** wieħed u ddiżappunta ruħu. Erica ġiet id-**disa'** u Chris ġie l-aħħar fl-**għaxar** post.

## Paġna 9

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa jidhru tmien persuni.
2. Naħseb li l-papà hu l-itwal raġel u naħseb li għandu xi tletin sena.
3. Il-mamà hi l-mara li hemm fl-istampa. Għandha xagħarha ċar u tidher ferħana ħafna.
4. Fil-familja hemm ħamest itfal.
5. Naħseb li t-tfal jisimhom Amy, Jade, Philip, Max u Lisa.
6. Naħseb li l-papà jgħin lill-mamà tieħu ħsieb it-tarbija.
7. Ix-xiħ bil-bastun naħseb li hu n-nannu u naħseb li għandu madwar sebgħin sena.
8. Naħseb li x-xħ jismu Joe u naħseb li mar jgħix ma' din il-familja għaliex il-mara tiegħu mietet u spiċċa waħdu.
9. Din il-familja jrabbu fenek u naħseb li jismu Spot.
10. Naħseb li din l-familja joqogħdu ġo dar kbira peress li hemm ħafna membri f'din il-familja.

## Paġna 10

1. Il-familja l-ġdida krew il-post xi ġimagħtejn ilu.
2. F'din il-familja hemm erba' persuni.
3. It-tifel kellem l-ewwel darba lil Alif l-iskola.
4. Il-familja ta' Alif hi mil-Libja.
5. Oħt Alif għandha ħmistax-il sena.
6. Pejxu hu l-qattus li jrabbu l-familja ta' Alif.
7. Lill-papà tiegħu se jgħidlu biex imur jistad ma' Ahmed.

## Paġna 11

*Il-familja tiegħi (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-familja tiegħi hi waħda kbira.
2. Il-membri tal-familja tiegħi huma l-papà, il-mamà, jien u tliet ħuti oħra subien.
3. Missieri jismu Tom, ommi Carla, jien jisimni Jean u ħuti jisimhom Max, Ben u Ray.
4. Jien il-kbir u ħuti huma kollha iżgħar minni.
5. Il-papà jaħdem bħala tabib imma l-mamà ma taħdimx.
6. Il-mamà toqgħod id-dar u tieħu ħsieb dak kollu li jkollna bżonn.
7. Aħna noqogħdu ġo dar kbira u sabiħa.
8. Kull nhar ta' Ħadd waranofsinhar mmorru ħarġa qalb il-kampanja.

## Paġna 12

1. it-tlieta
2. l-għaxra
3. in-nofsiegħa
4. l-għaxra u nofs
5. is-sagħtejn u nofs
6. l-erbgħa u nofs
7. il-ħdax
8. is-siegħa u nofs

## Paġna 13

1. il-ħdax u kwart
2. is-sitta u kwart
3. it-tmienja u kwart
4. il-ħamsa u kwart
5. l-għaxra neqsin kwart
6. it-tlieta neqsin kwart
7. is-sebgħa neqsin kwart
8. is-sagħtejn neqsin kwart

## Paġna 14

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa qed nara ħafna affarijiet.
2. Fost l-affarijiet li qed nara hemm sodda, mejda, siġġu, lampa, arloġġ, gwardarobba, kotba u tieqa.
3. L-affarijiet qegħdin ġo kamra tas-sodda.
4. L-affarijiet naħseb li huma ta' tfajla jisimha Nadia.
5. Il-ħin huwa l-għaxra u għaxra.
6. Jiena naħseb li hu filgħodu għax ma hemm ħadd rieqed fis-sodda.
7. Jista' jkun li Nadia nesiet il-lampa mixgħula.
8. Naħseb li t-televiżjoni mhux mixgħul għax ma hemm ħadd fil-kamra.
9. Naħseb li hemm il-ħwejjeġ fil-gwardarobba u fil-kxaxen.
10. Naħseb li hi nadifa għax hemm kollox pulit u ordnat.

## Paġna 15

1. Il-familja ta' Melissa marru joqogħdu ġo dar ġdida.
2. Melissa kienet ferħana għax issa kellha l-kamra tagħha.
3. Il-ġenituri tagħha xtrawlha sett għamara ġdida.
4. L-għamara tal-kamra ta' Melissa kienet bajda bil-pumi roża.
5. Il-gwardarobba kienet mimlija bil-ħwejjeġ ta' Melissa.
6. Fuq l-ixkaffa kellha xi kotba u xi pupi.
7. Iż-żewġ pupi favoriti tagħha kienu fuq is-sodda għax kienet traqqadhom magħha.
8. Melissa kienet tħobb tħares mit-tieqa tal-kamra tagħha għaliex kienet tagħti għal fuq ġnien u kienet toqgħod tara l-friefet sbieħ itiru fuq il-fjuri kkuluriti.

## Paġna 16

*Il-kamra tiegħi (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-kamra tiegħi hi kbira.
2. Il-kamra tiegħi qiegħda fis-sular ta' fuq tad-dar.
3. L-għamara li għandi fil-kamra tiegħi la hi ġdida u lanqas qadima.
4. Fil-kamra tiegħi hemm sodda, gwardarobba, skrivanija u siġġu.
5. Jien nqatta' ħafna ħin fil-kamra tiegħi.
6. Hemmhekk nagħmel ix-xogħol tal-iskola u qabel ma' norqod nilgħab ftit bil-PlayStation.
7. Jien inħobb inżomm kollox ordnat fil-kamra tiegħi.
8. Il-mamà żżommli l-kamra tiegħi nadifa.

## Paġna 18

1. tmienja
2. disgħa neqsin kwart
3. ħdax u kwart
4. nofsinhar
5. siegħa u kwart
6. tlieta u nofs
7. erbgħa u kwart
8. ħamsa
9. sebgħa neqsin kwart
10. sebgħa u nofs

## Paġna 19

1. ħaxix
2. frott
3. għaġin
4. ħobż
5. bajd
6. kafè
7. ħalib
8. ilma
9. luminata
10. te

## Paġna 20

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Il-ħin hu s-sebgħa ta' filgħodu għax it-tifel qed jipprepara biex imur l-iskola.
2. Il-kolazzjon.
3. Fil-platt ta' Jean hemm biċċa ħobż mixwija.
4. Jean qed juża kuċċarina.
5. Naħseb li t-tazza hi mimlija bil-kafè.
6. Ma naħsibx għax ma hemmx frott fuq il-mejda.
7. Naħseb li qabel beda jiekol Jean inħasel u libes l-uniformi.
8. Naħseb li l-mamà ta' Jean ippreparat dan l-ikel.
9. Naħseb li wara li jiekol Jean sejjer l-iskola.
10. Filgħodu jien nieħu platt ċereali bil-ħalib.

## Paġna 21

1. Tim għandu tmien snin.
2. Hu jħobb jiekol ħafna.
3. Il-ġenituri jwissuh biex jiekol ikel tajjeb għas-saħħa.
4. Id-dentist jgħidlu biex jibża' għal snienu.
5. L-ikel favort ta' Tim huma s-sopop li tħobb tagħmel il-mamà.
6. Meta tkun il-kesħa ħalli jsaħħnuh.
7. Soppa tat-tadam / soppa tal-karrotti / soppa tal-piżellii
8. Fuq is-soppa Tim jitfa' ftit ġobon maħkuk u ftit bżar.

## Paġna 22

*L-ikel favorit tiegħi (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. L-ikel favorit tiegħi hu r-ross.
2. Il-mamà ssajjarli r-ross.
3. Jien inħobb niekol ir-ross f'diversi modi.
4. Xi drabi l-mamà tagħmilli r-ross il-forn.
5. Drabi oħra tagħmilli insalata tar-ross.
6. Ir-ross tal-insalata jkun kiesaħ.
7. Jien nħobb ukoll ir-ross kif isajruh iċ-Ċiniżi.
8. Ikla ross ma nibdilha ma xejn – tkun kif tkun.

## Paġna 23

1. buz
2. ġakketta
3. kowt
4. flokk
5. skufja
6. qmis
7. malja
8. ingwanti
9. dublett
10. xorz

## Paġna 24

**Ir-rebbiegħa**
flokk
dublett
qmis
dublett

**Is-sajf**
qmis
xorz
malja

**Il-ħarifa**
flokk
dublett
buz

**Ix-xitwa**
ġakketta
skufja
kowt
ingwanti

## Paġna 25

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. It-tifla qiegħda d-dar fil-kamra tas-sodda.
2. Naħseb li għandha tmien snin.
3. Nistgħu nsemmu t-tifla Jade.
4. L-erbgħa.
5. Naħseb li ta' waranofsinhar għax mit-tieqa tidher ix-xemx.
6. Naħseb li l-ġugarell favorit tat-tifla hu l-ors.
7. Naħseb li t-tifla qed toħlom ħolma sabiħa għax qed titbissem.
8. Naħseb li t-tifla qed toħlom dwar il-ġugarelli tagħha.
9. Mal-ħajt hemm inkwatru li juri l-mappa tad-dinja. Din hi mappa li xi drabi jkollna bħalha mal-ħajt fil-klassi.

## Paġna 26

1. Luke ma setax jorqod għax kien ma jiflaħx.
2. Tefa d-dawl u għatta wiċċu bil-gverta.
3. Iddeċieda li joqgħod jara ftit televixin sakemm jaqbdu n-ngħas.
4. Il-film kien fuq il-mostri.
5. F'daqqa waħda għajnu marret bih.
6. Luke beda jibża' ħafna.
7. Xħin dar bis-salt waqa' minn fuq is-sodda.
8. Luke ħa r-ruħ għax induna li l-biċċa tal-mostri kienet biss ħolma.

## Paġna 27

*Ħolma sabiħa li ħlomt. (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Ilbieraħ filgħaxja kont għajjien mejjet, irqadt mill-ewwel u bdejt noħlom.
2. Ħlomt li kont qiegħed Londra mal-ġenituri tiegħi.
3. Waqt li konna hemm morna f'ħanut kbir tal-ġugarelli.
4. Il-ġenituri qaluli biex nagħżel ġugarell.
5. Jien għażilt ors kbir tad-drapp bħal dak li għandi fil-kamra tiegħi.
6. L-ors beda jkellimni u qalli li meta mmorru lura d-dar se jilgħab miegħi bil-ballun.
7. F'daqqa waħda daqq l-arloġġ, qomt u ndunajt li dik kienet biss ħolma.
8. Kemm nixtieq li mmur Londra u niltaqa' ma' ors tad-drapp ħaj bħal dak tal-ħolma.

## Paġna 28

1. riħ
2. xita
3. sajjetti
4. temperatura
5. xemxi
6. imsaħħab
7. silġ
8. ċpar

## Paġna 29

Filgħodu t-temp se jkun xemxi iżda aktar tard isir imsaħħab. Waranofsinhar għandha tagħmel ix-xita u xi waqtiet għandu jkun hemm is-sajjetti. Filgħaxja mbagħad se jqum ir-riħ u l-ajru jibqa' msaħħab. L-ogħla temperatura mistennija tkun ta' 10 gradi Celcius.

## Paġna 30

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa hemm tmint itfal.
2. Naħseb li qegħdin ġo festin.
3. Jiena naħseb li l-festin hu ta' dak it-tifel li hemm wara l-kejk għaliex qed jipprepara biex jaqsam il-kejk.
4. Naħseb li l-festin qed isir ġo dar.
5. Naħseb li qed tgħolli jdejha għaliex ħa tibda tkanta "Happy Birthday".
6. Il-kamra hi mżejna bil-bżieżaq u l-karti.
7. Iva, it-tfal ferħanin għax kollha qed jidħku.
8. Naħseb li ngħataw ħafna rigali għax jidhru erbgħa fl-istampa.
9. Il-kejk hu kbir, taċ-ċikkulata u hemm ħafna xemgħat fuqu.
10. Minbarra l-kejk hemm il-pastini, ir-rigali, tazzi u buqar bil-luminata.

## Paġna 31

1. Dakinhar Matthew għalaq disa' snin.
2. Il-ġenituri tiegħu ddeċidew li jagħmlulu festin żgħir id-dar.
3. David kien eċitat għax kien jaf li se jieħdu gost.
4. Il-festin sar fis-salott.
5. Il-papà żejjen il-kamra bil-karti u l-bżieżaq.
6. Kien hemm l-isem Matthew miktub fuqu bil-ġelu aħmar.
7. Iz-ziju ta' Matthew għamel wirja ta' maġija lit-tfal.
8. Il-mistednin kienu l-ħbieb u l-kuġini ta' Matthew.

## Paġna 32

*Festin li mort. (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Is-Sibt li għadda mort festin.
2. IL-festin kien ta' għeluq snin il-ħabib tiegħi John.
3. Il-festin kien ġo sala kbira u sabiħa.
4. Is-sala kienet imżejna bil-karti u l-bżieżaq.
5. Kien hemm ħafna ħbieb oħra mistednin.
6. Waqt il-festin lgħabna ħafna logħob sabiħ.
7. Fl-aħħar tal-festin Matthew qasam il-kejk u tana biċċa kull wieħed.
8. Kemm ħadt gost f'dan il-festin!

## Paġna 33

| | |
|---|---|
| ferħana | tarana |
| biss | spiss |
| naqdik | għalik |
| tiegħek | miegħek |
| xulxin | ħin |
| passiġġata | ġurnata |

## Paġna 34

1. Ingliż
2. tabib
3. silġ
4. ħareġ
5. ħobż
6. ħadid
7. ġewż
8. tiġieġ
9. boroż
10. salib
11. pajjiż
12. ħareġ

## Paġna 35

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Naħseb li d-data hi l-25 ta' Diċembru għax hu l-Milied.
2. F'nofs l-istampa hemm is-siġra tal-Milied.
3. Imżejna bil-karti, boċċi u bozoz.
4. Taħtha hemm seba' rigali.
5. Jien naħseb li huma għall-membri tal-familja tat-tifel li jidher fl-istampa.
6. Fl-istampa jidher tifel li jismu Jean.
7. Fuq rasu liebes beritta tal-Milied.
8. Jien naħseb li hu ferħan għax qed jidħak u għax se jaqla' r-rigali.
9. Naħseb li hemm xi ħadd ħdejn it-tifel u se jeħodlu ritratt mas-siġra tal-Milied.
10. Iva, jiena nħobbha l-festa tal-Milied.

## Paġna 36

1. Rita qamet ferħana għax kien il-Milied.
2. Malli qamet Rita taret minn ġos-sodda u marret tqajjem lil ħutha t-tewmin.
3. It-tewmin kien jisimhom Mark u Robert.
4. Il-ġenituri kienu qed jippreparaw għall-ikla ta' nofsinhar.
5. In-nanniet, iz-zijiet u l-kuġini kienu ġejjin jieklu magħhom.
6. Wara l-ikla bdew jiftħu r-rigali li kien hemm taħt is-siġra tal-Milied.
7. It-tfal bdew jieħdu gost għax bdew jiftħu r-rigali.
8. Għenu lill-ġenituri tagħhom inaddfu u qattgħu l-kumplament tal-ġurnata jilagħbu bir-rigali li kienu qalgħu.

## Paġna 37

*Rigal sabiħ li qlajt fil-Milied (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-Milied li għadda qlajt rigal sabiħ.
2. Wara l-ikla ta' nofsinhar bdejna nifitħu r-rigali.
3. Meta ftaħt ir-rigal tiegħi sibt laptop.
4. Dan ir-rigal kienu tawhuli l-mamà u l-papà.
5. Fraħt ħafna bih għax kont ili nixtieq laptop.
6. Il-papà wrieni ftit kif nużah.
7. Dakinhar domt sa tard billejl nilgħab bil-laptop.
8. Dan kien l-isbaħ rigal li qatt qlajt.

## Paġna 38

1. L-ikbar ħabiba tiegħi jisimha Kelly**.**
2. Ħija mar tajjeb ħafna fl-eżami tal-Malti**.**
3. Kif inhu t-temp illum**?**
4. It-tarbija bdiet tibki għax kienet bil-għatx**.**
5. Kemm xtrajtu dak il-lapes**?**
6. Min hu l-kantant favorit tiegħek**?**
7. Il-papà waqagħlu l-mowbajl u nkisirlu**.**
8. Kif taħdimha din is-somma**?**
9. Iz-ziju xtara karozza ġdida u sabiħa**.**
10. Meta se tmur iżżur lin-nanniet tiegħek**?**

## Paġna 39

1. L-aħmar, l-aħdar, l-isfar, l-oranġjo u l-blu huma kollha kuluri sbieħ.
2. L-għalliem qalilna li d-dar tiegħu qisha razzett għax għandu kelb, qattusa, fekruna, fenek u ħames għasafar.
3. L-iskola nistudja diversi suġġetti fosthom il-Matematika, il-Malti, l-Ingliż u l-Istudji Soċjali.
4. Missieri llum ħadem ħafna għax bajjad il-kċina, is-salott, il-kamra tas-sodda u l-kamra ta' fuq il-bejt.
5. Aaron, Mark, Rebecca u Emma huma kollha tfal fil-klassi tiegħi.
6. Ommi marret fil-ħanut tal-merċa u xtrat ħobż, butir, ħalib, ġobon u perżut.
7. L-ijlunfant, l-iljun, it-tigra, il-ġiraffa u x-xadina huma kollha annimali li jgħixu fil-foresta.
8. Londra, Ruma, Pariġi, Moska u Liżbona huma kollha bliet kapitali ta' pajjiżi Ewropej.

## Paġna 40

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa qed nara żewġt itfal li jisimhom Katrina u Zach.
2. Qegħdin ġo vettura spazjali fl-ispazju.
3. Lebsin ħwejjeġ normali mhux tal-ispazju.
4. Le, ma naħsibx li lebsin kif suppost.
5. Magħhom it-tfal ħadu l-kelb u mappa.
6. Iva, it-tfal huma ferħanin għax qegħdin jidħku.
7. It-tifla f'idejha għandha l-mappa tal-ispazju.
8. Naħseb se tara fejn għandhom imorru.
9. Fl-istampa qed nara pjaneta u qed nara l-istilel.
10. Naħseb li t-tifla qed issuq il-vettura spazjali.

## Paġna 41

1. Andrew qal l-storja waqt il-lezzjoni tax-Xjenza.
2. Andrew mar fl-ispazju fil-vaganzi tas-sajf.
3. Raġel mar iħabbatlu mat-tieqa tal-kamra tas-sodda.
4. Andrew u r-raġel daħlu ġo kaxxa kbira tal-ħadid.
5. Meta r-raġel għafas il-buttuna beda ħiereġ ħafna duħħan minn kullimkien u l-kaxxa bdiet tiċċaqlaq ħafna.
6. Andrew u r-raġel sabu ruħhom fl-ispazju.
7. Andrew qal li ra ħafna stilel u ħafna aljeni.
8. Skont Andrew l-aljeni bdew jitkellmu bil-Malti.

## Paġna 42

*Kieku mmur fl-ispazju (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Jiena nixtieq immur fl-ispazju.
2. Kieku nixtieq immur fis-sajf għax ma jkollix skola u nkun nista' ndum ħafna.
3. Nieħu lil ħija miegħi u mmorru b'rokit li jagħmlilna l-papà.
4. Jien u ħija nilbsu ħwejjeġ apposta tal-ispazju.
5. Nixtieq li ninżlu fuq il-qamar u noqogħdu nimxu ftit fuqu.
6. Kieku wara mmorru fuq il-pjaneti l-oħra.
7. Kieku kemm nieħu ritratti ħalli nurihom lill-ħbieb tiegħi.
8. Għalxejn noħlom u nimmaġina għax qatt mhu se mmur fl-ispazju.

## Paġna 43

Intom emmintuha l-istorja li qalli Andrew? Jien ma tantx emmintha. Kif jista' jkun? Jien qatt ma qrajt li xi ħadd mar fl-ispazju billi daħal ġo kaxxa. Sa fejn naf jien, kull min imur fl-ispazju jrid jilbes libsa speċjali. U l-biċċa tal-aljeni mhux qiegħda tajba jew? Mela l-aljeni jitkellmu bil-Malti? Darba jien rajt film fuq l-aljeni u kienu totalment differenti minna. Kellhom saqajhom twal, idejhom qosra, kienu rqaq ħafna, għonqhom kien iffurmat minn raġġ ta' dawl aħdar u rashom iktar kienet tixbah lil ta' mostru milli lil ta' bniedem! Imma jkolli ngħid Andrew kien qed joħlom bilqiegħda dak il-ħin. Min jaf!

## Paġna 44

*Eżempji ta' tweġibiet*

1. Jien jisimni Jean Borg.
2. Jien noqgħod Tas-Sliema.
3. Għandi seba' snin.
4. Il-Malti jogħġobni l-iżjed.
5. L-ikbar ħabib tiegħi hu Mike.
6. Il-kulur favorit tiegħi hu l-isfar.
7. L-ikel favorit tiegħi hu l-pizza.
8. Fil-ħin liberu tiegħi nħobb nilgħab u naqra.
9. La nikber nixtieq insir għalliem għax il-ħajja fl-iskola togħġobni.

## Paġna 45

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa qed nara tlett itfal u naħseb li jisimhom Zach, Jade u Katrina.
2. Qegħdin qalb il-kampanja.
3. Naħseb li se jorqdu f'kamp għax hemm kamp ħdejn it-tfal.
4. Naħseb li dawk it-tfal biss hemm għax ma jidhrux affarijiet ta' tfal oħra.
5. Jekk hemm xi nies oħrajn naħseb li marru xi mixja qalb il-kampanja.
6. It-tifel qed idoqq il-kitarra u jkanta.
7. It-tifla li hemm ħdejh qiegħda bilqiegħda fuq zokk.
8. It-tifla ħierġa mill-kamp għax tixtieq tkanta ftit ukoll.
9. Naħseb li hu l-bard għax it-tfal qabbdu ħuġġieġa.
10. Iva, it-tfal qed jieħdu pjaċir għax jidhru ferħanin.

## Paġna 46

1. Il-kowċ tal-futbol se jieħu t-tfal jikkampjaw il-Mellieħa.
2. Sejrin fil-vaganzi tal-Għid.
3. Se jdumu erbat ijiem hemm.
4. Il-kowċ se jmur fuq il-post qabel ħalli jkun jaf il-post sew.
5. It-tfal ma ridux jieħdu frieket, skieken u platti *disposable* ħalli jerġgħu jużawhom.
6. Il-ħwejjeġ riedu jkunu komdi u użati.
7. It-tfal riedu jieħdu ħafna ilma magħhom għax kienu se jqattgħu ħafna ħin jilagħbu.
8. Naħseb li l-ġenituri tat-tfal se jieħdu l-ikel lit-tfal.

## Paġna 47

*Meta morna nikkampjaw (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Bħal kull sena fil-vaganzi tal-bidu ta' Novembru morna nikkampjaw.
2. Konna ħafna familji ħbieb u kien hemm ħafna tfal bħali.
3. Din is-sena kont eċitata għax il-papà xtara kamp ġdid u kbir.
4. It-temp kien sabiħ ħafna.
5. Qattajna ħafna ħin nilagħbu bil-ballun u niġru qalb is-siġar.
6. Filgħaxija konna nsajru l-ikel fuq il-barbikju.
7. Qabel norqdu konna nqabbdu ħuġġieġa u noqogħdu nkantaw u ngħidu ċ-ċajt.
8. Kemm ħadna gost! Iġri nerġgħu mmorru nikkampjaw.

## Paġna 48

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | bi | 7. | fi |
| 2. | ġo | 8. | ġo |
| 3. | fi | 9. | bi |
| 4. | ma' | 10. | sa |
| 5. | sa | 11. | ma' |
| 6. | ta' | 12. | ta' |

## Paġna 49

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | biċ- | 7. | bil- |
| 2. | bin- | 8. | min- |
| 3. | fil- | 9. | fir- |
| 4. | tax- | 10. | fis- |
| 5. | fix- | 11. | biz- |
| 6. | Fid- | 12. | fil- |

## Paġna 50

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa qed nara seba' insetti.
2. Dawn huma friefet, naħal u nannakoli.
3. Kieku kont inpinġihom kollha kuluri.
4. In-naħal kont inpinġihom sofor u suwed u n-nannakoli kont inpinġihom ħomor u suwed.
5. Dawn l-insetti qegħdin ġo ġnien.
6. Iva, naħseb li huma ferħanin għaliex it-temp sabiħ u qed jieħdu gost jittajru fil-ġnien.
7. Iva, naħseb li huma ħbieb għax qed jittajru flimkien.
8. Fl-istampa qed nara wkoll fjuri u ħaxix.
9. Naħseb li l-fjuri huma bojod u sofor.
10. It-temp hu bnazzi għaliex lanqas tidher sħaba waħda fis-sema.

## Paġna 51

1. Kbira antika
2. Fuq in-naħa ta' wara tad-dar hemm ġnien kbir.
3. Il-ġnien hu mimli bis-siġar tal-frott.
4. Fuq in-naħa ta' wara tal-ġnien hemm vaska żgħira li fiha xi ħut tal-ilma ħelu.
5. In-nannu m'għadux irabbi fniek għax qal li issa xjaħ wisq u beda jegħja.
6. Tefa' xi ftit minnhom jiġru fil-ġnien.
7. Il-ġnien tan-nanniet ikun l-isbaħ fir-rebbiegħa għalex ikun mimli ħaxix, fjuri kkuluriti u għasafar ipespsu fis-siġar.

## Paġna 52

*Żjara fi ġnien pubbliku (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-Ħadd li għadda kienet ġurnata sabiħa.
2. Il-papà ddeċieda li jieħu lili u lil ħuti sa Sant'Anton.
3. Ma tantx kien hemm nies.
4. Kien hemm ħafna fjuri sbieħ u ħafna għasafar ipespsu fis-siġar.
5. Rajna vaska kbira u ġo fiha kien hemm ħafna ħut tal-ilma ħelu.
6. F'daqqa waħda oħti rat fenek u marret tiġri warajh.
7. Jien u l-papà għamilna tellieqa min se jasal ħdejn oħti l-ewwel.
8. Ħadna ħafna gost f'din iż-żjara ġo ġnien pubbliku.

## Paġna 53

1. ferrovija
2. vapur
3. luzzu
4. karozza
5. karozza tal-linja
6. ħelikopter
7. rokit
8. rota
9. ajruplan
10. karozzin

## Paġna 54

1. karozza
2. ajruplan
3. karozzin
4. vapur
5. karozza tal-linja
6. rokit
7. ħelikopter
8. ferrovija
9. luzzu
10. rota

## Paġna 55

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Qed nara disa' annimali.
2. Qed nara tiġieġ, għasafar, żiemel, nagħġa, baqra u fenek.
3. Hemm tliet tiġiġiet.
4. Naħseb li ż-żiemel se jiekol.
5. Il-baqra hi kannella bl-abjad.
6. Naħseb li t-temp hu sabiħ għaliex l-annimali qegħdin fl-għalqa.
7. Il-bidwi naħseb li qed jaħdem f'xi parti oħra tar-razzett għax ma jidhirx fl-istampa.
8. Naħseb li dik il-kamra hija post fejn il-bidwi jżomm l-għodda tiegħu u fejn joqogħdu l-annimali meta jkun il-maltemp.
9. Fl-għalqa hemm ukoll ħaxix, fjuri u ħxejjex.
10. Il-ħnieżer, il-mogħoż u d-dundjani huma annimali oħra li jgħixu fir-razzett.

## Paġna 56

1. Veru
2. Biex jaħleb il-baqar.
3. Wara jieħu l-ħalib fil-fabbrika tal-ħalib.
4. Irid jagħti l-ikel lill-annimal kollha.
5. Irid jara li l-postijiet fejn joqogħdu l-annimali jkunu ndaf għaliex il-ħmieġ iġib il-mard.
6. Il-bidwi diffiċli jagħmel dan ix-xogħol kollu waħdu għax hemm ħafna xogħol xi jsir.
7. Il-mara tiegħu, it-tfal tiegħu jew xi ħadd li jkun jaħdem miegħu.
8. Iva, nixtieq inkun naħdem f'razzett għax inħobbhom l-annimali.

## Paġna 57

*Żjara fir-razzett tan-nannu (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Nhar is-Sibt li għadda jien u ħuti morna fir-razzett tan-nannu filgħodu kmieni.
2. In-nannu kien qed jaħleb il-baqar.
3. Wara ħuti marru man-nannu l-fabbrika tal-ħalib u jien qgħadt ngħin lin-nanna tiġbor il-bajd minn taħt it-tiġieġ.
4. Xħin in-nannu u ħuti ġew lura bdejna nitimgħu lill-annimali.
5. Jien ħadt gost nitma' lill-fniek għaliex dawk iħobbu jieklu minn idi.
6. Waqt li konna ħdejn il-papri rajna ġurdien jistaħba ġo rokna u oħti bdiet twerżaq.
7. Wara li lestejna mix-xogħol in-nanna tatna ftit soppa li għamlet bil-ħxejjex li jkabbru fir-razzett.
8. Jien togħġobni l-ħajja ġo razzett u nixtieq immur ngħix man-nannu.

## Paġna 58

1. ma beżaqx
2. ma tarx
3. ma qabadx
4. ma laqatx
5. ma rajtx
6. ma għoġobx
7. ma tax
8. ma nefaħx
9. ma ħatafx
10. ma lagħabx
11. ma marx
12. ma lemaħx
13. ma għażaqx
14. ma felaħx
15. ma maradx
16. ma sarx

## Paġna 59

1. Iz-ziju ma bagħatx il-kartolina bil-posta.
2. Ma sarx il-ħin biex jibda l-film.
3. Robert ma qalx li għada se jmur jistad.
4. It-tifel ma feraħx ħafna fil-festin tal-kuġina.
5. Lara ma ħolmotx li qed tkellem lill-anġli.
6. Iż-żiemel ma telaqx jiġri wara d-debba.
7. Il-papà ma xegħelx it-torċ għax mar id-dawl.
8. It-tewmin ma żelqux fuq qoxra ta' banana.
9. L-ajruplan ma kienx nieżel fl-ajruport ta' Ruma.
10. Is-serp ma daħalx qalb il-ġebel imwaqqa' li kien hemm fl-għalqa.

## Paġna 60

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa qed nara erbat itfal.
2. Naħseb li qegħdin l-Esplora.
3. Marru hemmhekk mal-għalliema.
4. Qed jitgħallmu fuq id-dinja.
5. Qed iġibu l-informazzjoni minn fuq il-kotba.
6. Fin-nofs tal-istampa hemm globu.
7. It-tifel tal-istampa qed jistagħġeb għax qed jieħu gost jitgħallem.
8. It-tifel għandu xagħru qasir, jidher kwiet u interessat ħafna.
9. Kontinent li jidher fuq id-dinja hu l-Ewropa.
10. Iva, nixteq immur l-Esplora għax jogħġbuni l-esperimenti u għax nieħu gost nitgħallem.

## Paġna 61

1. Tifel jew tifla li tmur l-iskola.
2. Mixja madwar ir-raħal mal-għalliem tal-PE.
3. L-għalliem tal-PE jgħidilhom biex jieħdu magħhom beritta u ħafna ilma x'jixorbu minħabba s-sħana.
4. Wara l-mixja joqogħdu jilagħbu fil-ġnien ta' ħdejn l-iskola.
5. Il-mixja kienet itwal u ma marrux jilagħbu fil-ġnien.
6. Naħseb li xorob l-ilma kollu għax kienet ħafna sħana.
7. Falz
8. Le, mhux beħsiebu jmur il-mixja għax se jgħid lill-mamà li qed tuġgħu rasu.

## Paġna 62

*Ħarġa ma' tal-iskola (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Ilbieraħ morna ħarġa ma' tal-iskola.
2. Morna ġo razzett li fih ikabbru ħafna ħxejjex u hemm tiġieġ biss.
3. Kif wasalna poġġejna bilqiegħda u l-bidwija qagħdet tgħidilna kif jieħdu ħsieb it-tiġieġ.
4. Wara bdiet tgħidilna fuq il-ħxejjex li jkabbru hemmhekk.
5. Xi l-għaxra morna ġo rokna fid-dell u qgħadna nieklu.
6. Imbagħad kellna ftit ħin biex nilagħbu ġo għalqa kbira.
7. Qabel tlaqna tawna larinġa kull wieħed minn dawk li jkabbru ġor-razzett.
8. Kienet ħarġa sabiħa u interessanti.

## Paġna 63

**Il-verb ħarab**

Jien ħrabt
Int ħrabt
Hu ħarab
Hi ħarbet
Aħna ħrabna
Intom ħrabtu
Huma ħarbu

**Il-verb fetaħ**

Jien ftaħt
Int ftaħt
Hu fetaħ
Hi fetħet
Aħna ftaħna
Intom ftaħtu
Huma fetħu

## Paġna 64

1. Aħna **għalaqna** l-bieb tad-dar warajna.
2. It-tfal **niżlu** isfel meta għajtitilhom ommhom.
3. Mark u z-ziju tiegħu **qabdu** ħafna ħut meta marru jistadu.
4. L-għarus u l-għarusa **żifnu** ħafna fit-tieġ tagħhom.
5. L-għaddas **għodos** biex jipprova jaqbad il-qarnita.
6. Emma ħolmot **ħolma** sabiħa ħafna.
7. Jien u ħuti **lbisna** l-uniformi u morna l-iskola.
8. Iz-zija weġġgħet għax **żelqet** minn fuq il-bankina.
9. It-tfal tal-klassi kollha **għamlu** proġetti sbieħ ħafna.
10. Inti **dħakt** ħafna meta rajt il-film tal-Oħxon u l-Irqiq.
11. Missieri telaq għax-xogħol filgħodu kmieni.
12. It-tfal **ġabru** l-karti kollha li kien hemm fl-art.
13. Jien **slift** il-gomma lil ħija.
14. Iz-zija **qabżet** fil-baħar min fuq blata għolja.
15. It-turisti **rikbu** fuq karozzin u marru dawra sal-Imdina.

## Paġna 65

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Ir-raġel jismu Joe.
2. Joe għandu d-daqna, liebes beritta f'rasu u qed jipprattika l-passatemp tiegħu.
3. Qiegħed fuq id-dgħajsa.
4. Qed jistad.
5. Iva, taħt id-dgħajsa hemm ħut.
6. Minbarra ħut fil-baħar ikun hemm qarnit u ħxejjex li jkbru taħt il-baħar.
7. Il-baħar huwa kalm.
8. Fis-sema hemm is-sħab.
9. Naħseb li jirnexxilu jaqbad ħuta għax hemm waħda sejra għas-sunnara.
10. Iva, inħobb nistad għax nieħu gost ħdejn il-baħar.

## Paġna 66

1. Sika l-ħuta tgħix fil-Baħar Mediterran.
2. Tħobb tgħum l-aktar viċin ix-xatt ta' Malta.
3. Meta tkun f'qiegħ il-baħar xi drabi tibda tleqq.
4. Ir-rizzi u l-gambli.
5. L-imbarazz li jwaddbu n-nies fil-baħar ikerrah qiegħ il-baħar.
6. Żewġ perikli huma li jieklu jew jidħlu f'xi borża tal-plastik jew li jitħabblu ġo xi xibka.
7. Il-ħajja taħt il-baħar saret iktar diffiċli għalihom għax il-perikli qed jiżdiedu.

## Paġna 67

*Meta mort nistad (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-ġimgħa l-oħra mort nistad mal-papà.
2. Qomna filgħodu kmieni u morna San Pawl il-Baħar.
3. Il-baħar kien kalm.
4. Qabel bdejna nistadu l-papà tefa' ftit frak tal-ħobż fil-baħar ħalli jiġi l-ħut.
5. Bdejna nistadu u bdejna naqbdu ħafna ħut.
6. Il-papà qabad ħuta kbira ħafna.
7. Xi l-għaxra ta' filgħodu morna lura d-dar.
8. Il-mamà sajritli l-ħut li konna qbadna.

## Paġna 68

1. jum
2. ħalq
3. stilla
4. kulur
5. missier
6. omm
7. qadim
8. re
9. btala
10. vapur

## Paġna 69

diffiċli – tqil

blu – ikħal

sliem – paċi

pjanta – xitla

risposta – tweġiba

sewwieq – xufier

monument – mafkar

żgħir – ċkejken

ferħ – hena

kuntent – ferħan

passiġġata – mixja

proverbju – qawl

pjazza – misraħ

tellieqa – tiġrija

invit – stedina

## Paġna 70

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa hemm żewġ persuni.
2. Jien naħseb li huma żewġ aħwa.
3. Huma jisimhom Amy u Lucy.
4. Naħseb li ż-żgħira għandha sitt snin u l-kbira għandha tmien snin.
5. Iż-żgħira li jsimha Amy qiegħda għarkupptejha fl-art, għandha xagħarha xi ftit twil u tinsab ferħana.
6. Amy qed iddoqq il-kitarra u Lucy qed tnaddaf it-tapit.
7. Qegħdin fil-kamra tas-sodda.
8. Naħseb li hu d-disgħa ta' filgħaxija għax hekk qed juri l-arloġġ.
9. Naħseb li qed jagħmlu xi ħaġa tajba għax mhux jagħmluha bil-moħbi.
10. Fl-istampa qed nara wkoll ballun, żewġ kotba, tieqa u sodda.

## Paġna 71

1. Tabiba marret l-iskola ta' Craig.
2. Kellmithom fuq kif għandhom iżommu ruħhom indaf.
3. Craig interessa ruħu għax il-mamà u n-nanna jgħidulu li hu importanti li jżomm ruħu nadif.
4. Li ninħaslu u nbiddlu l-ħwejjeġ ta' taħt.
5. Għandna naħslu snienna darbtejn kuljum meta nqumu u qabel norqdu.
6. Ħalli jkunu nodfa u ma jkollhomx mikrobi fuqhom.
7. Il-ħmieġ iġib il-mard.
8. It-tfal li jkunu ma jifilħux ma għandhomx imorru skola ħalli ma jmarrdux lil sħabhom.

## Paġna 72

*Kif inżomm ruħi nadif (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-mamà u l-papà jgħiduli li għandi nżomm ruħi nadif u jien nobdihom.
2. Filgħodu kif inqum ninħasel u naħsel snieni.
3. Qabel immur l-iskola nilbes l-uniformi nadifa li tkun ħaslitli l-mamà.
4. Qabel niekol dejjem naħsel idejja u dejjem nara li l-post fejn niekol ikun nadif.
5. Anke l-kotba u l-pitazzi nipprova nżommhom indaf u ma nċappashomx.
6. Filgħaxija wara l-iskola nerġa' ninħasel.
7. Qabel norqod nerġa' naħsel snieni.
8. L-għalliema tatni ċertifikat talli nżomm lili nnifsi u l-affarijiet tiegħi nodfa.

## Paġna 73

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | int tir | intom tiru | 9. | int imxi | intom imxu |
| 2. | int islef | intom isilfu | 10. | int aqleb | intom aqilbu |
| 3. | int oħlom | intom oħolmu | 11. | int eħles | intom eħilsu |
| 4. | int idħak | intom idħku | 12. | int iskot | intom isktu |
| 5. | int sib | intom sibu | 13. | int aħrab | intom aħarbu |
| 6. | int irkeb | intom irkbu | 14. | int orbot | intom orbtu |
| 7. | int olqot | intom olqtu | 15. | int itlob | intom itolbu |
| 8. | int iflaħ | intom ifilħu | | | |

## Paġna 74

1. Oħorġu
2. Iżfen
3. Idħlu
4. Itfu
5. aqsmu
6. Ersaq
7. Ixorbu
8. Mur
9. iftaħ
10. aħfru
11. ħarsu
12. Ikteb
13. Inżlu
14. Ġorr
15. Itilqu

## Paġna 75

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. It-tifel qiegħed għarkupptejh. Għandu xagħru iswed la twil u lanqas qasir u qed jieħu gost.
2. Naħseb li għandu xi tmien snin.
3. Insemmih Jake.
4. It-tifel qed jilgħab bil-blokks.
5. Naħseb li qiegħed fil-kamra tas-sodda tiegħu.
6. Iva, naħseb li hu ferħan għax qed jitbissem.
7. Fl-istampa qed nara ballun.
8. It-tifel qed jilgħab bil-blokks.
9. Kieku jien nixtieq nilgħab bil-ballun.
10. Fl-istampa hemm sodda, komodina, tieqa, inkwatru u purtiera fost affarijiet oħra.

## Paġna 76

1. Ħu n-narratur twieled xi ġimgħa ilu.
2. Il-ġenituri semmewh Emerson.
3. In-narratur xtaq li jkollu ħuh ħalli joqgħod jilgħab miegħu l-futbol.
4. Emerson ma jistax jilgħab ma' ħuh għax għad irid jikber.
5. Skont il-mamà Emerson jibki għax ikollu l-għatx.
6. In-narratur jixtieq li billejl Emerson ma jwerżaqx daqstant ħalli jħallih rieqed.
7. Sakemm kiber ftit ħu l-kuġin ħażżiżlu fuq il-pitazzi u kissirlu l-ġugarelli.
8. Iva, naħseb li inkwieta xi ftit għax qal, "Ħa naraw x'ġej!"

## Paġna 77

*Oħti ż-żgħira (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Oħti ż-żgħira jisimha Jade.
2. Hi għandha sentejn.
3. Jade ma tmurx skola għax għadha żgħira.
4. Oħti tħobb tilgħab ħafna bil-pupi.
5. Xi drabi toqgħod tħażżizli fuq il-pitazzi tal-iskola.
6. Jiena u Jade norqdu fl-istess kamra.
7. Jade tħobb tiekol ħafna l-patata moqlija.
8. Ommi tgħid li Jade hi l-prinċipessa tagħha.

## Paġna 78

1. se taqla'
2. se jbiddel
3. se jonfoħ
4. se jikteb
5. se jsakkar
6. se tiżfen
7. se taqsam
8. se jaħdem
9. se jorbot
10. se jersaq

## Paġna 79

1. L-għasfura se tbejjet fis-siġra ta' quddiem id-dar tagħna.
2. Huma se jitkellmu dwar l-annimali li jħobbu.
3. It-tifel se jixtri ħafna ħelu.
4. Inti se taħsel snienek filgħaxija.
5. Jiena se ndoqq il-kitarra mal-kor tal-iskola.
6. In-nanniet se jagħtuna l-flus.
7. Intom se tirbħu l-logħbiet fuq il-kompjuter.
8. Aħna se nieklu l-gallettini qabel norqdu.
9. Huma se jilagħbu logħba futbol.
10. Iz-ziju se jisker bl-inbid.

## Paġna 80

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa qed nara erba' persuni.
2. Naħseb li l-barbiera huma dawk li huma bilwieqfa.
3. Naħseb li l-barbiera għandhom xi tletin sena.
4. Ix-xagħar tal-irġiel li hemm bilqiegħda hu qasir.
5. Fil-mera qed nara r-rifless ta' wiċċ in-nies li hemm bilqiegħda.
6. Qed nara mqass wieħed.
7. Jista' jkun filgħodu jew filgħaxija fil-ħin li l-ħwienet ikunu miftuħin.
8. Naħseb li l-barbiera u l-klijenti qed jitkellmu fuq il-moda tax-xagħar.
9. Naħseb li huma barbiera famużi għax għandhom il-klijenti.
10. Iva, naħseb immur naqta' xagħri għand dawn il-barbiera għax għandhom ħanut nadif.

## Paġna 81

1. Julia qed tikteb l-istorja.
2. L-iskola bdiet tħoss rasha tuġagħha.
3. Il-mamà ddeċidiet li teħodha għand it-tabib għax meta qamet kienet għadha qed tħossha ma tiflaħx.
4. It-tifla tiddeskrivi lit-tabib dħuli u għadu żgħir.
5. It-tifla ħasset dehxa bard għax it-tabib għamlilha dik il-biċċa ħadida tonda mal-ġilda.
6. It-tifla se jkollha tfalli jumejn skola.
7. It-tifla ma ħaditx pjaċir għax hi tħobb tmur l-iskola.
8. It-tabib eżamina griżmejn u widnejn it-tifla.

## Paġna 82

*Meta mort għand id-dentist (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-ġimgħa l-oħra ma stajtx norqod billejl għax kelli darsa qed tuġagħni.
2. L-għada filgħodu l-mamà ddeċidiet li teħodni għand id-dentist.
3. Jiena bdejt nibża' xi ftit u ma xtaqtx immur.
4. Id-dentist qalli biex ma nibżax għax mhux se nweġġa'.
5. Wara qalli biex niftaħ ħalqi ħalli jara d-darsa.
6. Bżajt ħafna meta qalli li se jkollu jaqla' d-darsa.
7. Meta qala' d-darsa ma weġġajtx.
8. Id-dentist sar il-ħabib tiegħi wkoll.

## Paġna 83

1. qalbi
2. qalbek
3. qalbu
4. qalbha
5. qalbna
6. qalbkom
7. qalbhom
8. dari
9. darek
10. daru
11. darha
12. darna
13. darkom
14. darhom

## Paġna 84

1. Il-kelb mar jiġri ħdejn sidu.
2. Roberta waqgħet u weġġgħet sieqha.
3. Iż-żrinġ jaqbad in-nemus bi lsienu.
4. Illejla intom ħerġin ma' sħabkom.
5. It-tfal marru jaraw lil ħabibhom l-isptar.
6. Il-ġiraffa għandha għonqha twil ħafna.
7. Ma kontx naf it-tweġiba u ma ftaħtx ħalqi.
8. Il-kuġini qed jippreparaw festin għal oħthom.
9. L-iskola għamilt ħabib ġdid imma nsejt ismu.
10. Staqsu lil missierkom tistgħux tiġu tistadu magħna.
11. In-nies kollha għandhom iżommu triqithom nadifa.

## Paġna 85

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa qed nara ħames persuni.
2. Naħseb li huma nies li se jsiefru. Jisimhom David u Amy, Matthew u Jade u Martina.
3. Naħseb li marru l-ajruport bex isiefru. Naħseb hekk għax qed iġorru l-bagalji.
4. Fl-istampa qed nara prajvit u ajruplani.
5. Naħseb li l-ajruplan wasal għax qed iħares lejn l-ajruport.
6. Naħseb li l-prajvit qed tistenna lin-nies li se jinżlu minn fuq l-ajruplan li se jasal dalwaqt.
7. In-nies jistgħu jmorru l-ajruport biex isiefru jew biex jilqgħu lil xi ħadd li jkun għadu kif wasal.
8. L-ajruport ta' Malta qiegħed il-Gudja.
9. Iva, jiena ġieli mort l-ajruport.
10. L-ajruport jogħġobni għax sabiħ u modern.

## Paġna 86

1. It-tifla li qed tikteb l-istorja jisimha Simone.
2. Ħassitha eċitata għax kienet se ssiefer għall-ewwel darba.
3. Matthew ma kienx eċitat daqsha għax ken diġà siefer darba ma' tal-futbol.
4. It-tifla kienet sejra Ruma mal-ġenituri tagħha u ma' ħuha Matthew.
5. Fuq l-ajruplan it-tifla bdiet tibża' iżda mbagħad raqdet.
6. Il-vaganza damet ġimgħa.
7. Fl-aħħar tal-vaganza ħassitha mdejqa.
8. It-tifla tixtieq li l-ġenituri jeħduhom safra oħra.

## Paġna 87

*Meta sifirt (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Is-sajf li għadda sifirt għall-ewwel darba.
2. Mort Londra ma' ħuti u mal-ġenituri tiegħi.
3. Għall-ewwel bżajt ftit fuq l-ajruplan imma wara ftit irqadt.
4. Londra żorna ħafna postijiet sbieħ.
5. Rajna l-arloġġ magħruf bħala l-Big Ben u x-Xmara Thames.
6. Ħadt gost ħafna meta konna qed naqsmu l-London Bridge.
7. Il-mużew ta' Harry Potter kien l-iktar post li għoġobni.
8. Ħadt ħafna gost Londra u issa nixtieq immur Pariġi.

## Paġna 88

1. dar
2. ħajt
3. ħall
4. ħass
5. ħadd
6. bajda
7. ħares
8. sħab
9. bank
10. tajra

## Paġna 89

1. It-tifel mar id-dar wara l-iskola.

   Ir-raġel dar mal-kantuniera u ma rajtux iktar.

2. It-tiġieġa biedet bajda.

   It-tifla kienet liebsa libsa bajda.

3. Fid-dar tan-nanna jgħidu li jidher il-ħares.

   It-tifel ħares lejn missieru u xejjirlu.

4. Il-mamà użat il-ħajt biex ħietet qalziet.

   L-għalliema waħħlet ċart mal-ħajt.

5. Sħab ħija kollha għandhom karozza.

   Fis-sema kien hemm sħab iswed faħma.

6. Il-mamà xtrat il-ħass mingħand tal-ħaxix.

   Illum in-nannu tah ħass ħażin.

7. It-tifel ħall l-għoqda li kellu fil-lazz taż-żarbun.

   Il-papà jħobb jagħmel il-ħall mal-patata moqlija.

8. Ħija jaħdem il-bank li hemm il-Belt.

   Insejt il-ktieb tal-Matematika fuq il-bank tal-iskola.

9. Mort il-festin u ma kont naf lil ħadd.

   Nhar il-Ħadd sejjer nistad ma' missieri.

10. Meta kienu fuq l-irdum it-tfal raw tajra kbira qed ittir.

    Iz-ziju għamilli tajra tal-karti kollha kuluri.

## Paġna 90

*Eżempji ta' tweġibiet tat-taħdit.*

1. Fl-istampa qed nara erbat itfal.
2. Naħseb li huma ħbieb u jisimhom Jake, Luke, Tom u Sandra.
3. Sandra hija tifla b'xagħarha isfar u ftit twil. Liebsa libsa, qed tħares lejn il-ħut u għandha ktieb f'idejha.
4. Naħseb dawn it-tfal qegħdin l-akkwarju.
5. Minbarra t-tfal qed nara l-ħut fl-akkwarju.
6. Naħseb li t-tfal qed jieħdu pjaċir għax qed jitbissmu.
7. L-akkwarju ta' Malta qiegħed San Pawl il-Baħar.
8. Iva, ġieli mort.
9. L-iktar li għobuni huma l-kuluri tal-ħut li hemm fl-akkwarju.
10. Iva, nixtieq li nerġa' mmur għax il-post għoġobni ħafna.

## Paġna 91

1. It-tfal taz-zija Martina jisimhom David u Ben.
2. It-tifla tħobb tilgħab bil-pupi jew taqbeż il-ħabel.
3. Iz-zija ħadet it-tfal Ta' Qali.
4. Il-kelb jismu Trixy.
5. It-tfal u l-kelb qagħdu jiġru wara xulxin.
6. Iz-zija sajret it-torti li kielu t-tfal.
7. Iz-zija xtratilhom ġelat.
8. It-tifla ħassitha għajjiena mejta.

## Paġna 92

*Ħarġa man-nanniet (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-Ħadd li għadda mort Marsaxlokk man-nanniet.
2. It-temp kien sabiħ u kien hemm ħafna nies.
3. L-ewwel imxejna ftit max-xatt.
4. Hemmhekk iltqajt ma' tifla li qiegħda fil-klassi tiegħi.
5. Wara n-nanniet ħaduni l-bandli u qgħadt nitbandal ftit.
6. Kien sar il-ħin biex immorru lejn id-dar u qabel tlaqna n-nanniet xtrawli ġelat.
7. Meta wasalt id-dar kont għajjiena mejta.
8. Kemm ħadt gost man-nanniet!

## Paġna 93

1. Fl-istampa qed nara sitt itfal.
2. Naħseb li huma ħbieb. It-tfal jisimhom David, Jade, Sam, Erica, Amy u Elisa.
3. It-tfal qegħdin il-baħar.
4. Naħseb li hu s-sajf.
5. Iva, naħseb li kollha qed jieħdu pjaċir għax kollha qed jidħku.
6. Fuq ir-ramel hemm ballun, bramel, kastell tar-ramel, stilla tal-baħar.
7. Naħseb li l-umbrella hi kollha kuluri.
8. Naħseb li t-tifel u t-tifla f'nofs l-istampa qed jibnu l-kastell bir-ramel.
9. Naħseb l t-tfal għandhom xi tmien snin.
10. Ma naħsibx li t-tfal kollha jafu jgħumu għax hemm minnhom lebsin *tyre* tal-baħar.

## Paġna 94

1. It-tfal ma jkollhomx skola u ħafna mill-ħaddiema jaħdmu nofstanhari.
2. Jistgħu jmorru xi ġurnata l-baħar jew xi erbat ijiem Għawdex.
3. Tifel qed jikteb l-istorja għax qal li issa m'għadux tifel żgħir.
4. Għandu żewġ ħutu.
5. Il-ħarġa favorita tiegħu hi meta jagħmlu barbikju ħdejn il-baħar.
6. It-togħma tal-ikel u r-riħa tal-laħam qed jinxtewa.
7. It-togħma tal-laħam tiġi itjeb għax tkun imħallta mal-insalata u l-patata li tipprepara l-mamà.
8. Meta jikber meta jagħmlu barbikju jibda jixwi l-laħam hu.

## Paġna 95

*Ġurnata l-baħar (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-Ħadd li għadda jien u l-familja tiegħi morna ġurnata l-baħar.
2. Morna l-Bajja ta' Għajn Tuffieħa kmieni filgħodu.
3. Kif wasalna jien u ħuti nżajna bil-malja u nżilna ngħumu.
4. F'nofsinhar tlajna u kilna l-ħobż li ppreparatilna l-mamà.
5. Waranofsinhar jien u ħuti għamilna kastell bir-ramel.
6. Meta beda jidlam armajna l-barbikju u l-papà xewa ftit laħam.
7. Kemm kien tajjeb!
8. Xi l-għaxra ta' filgħaxija wasalna lura d-dar u wara li nħsilt irqadt raqda sal-għada filgħodu.

## Paġna 96

*Kitba dwar stampa (tmien sentenzi bħala eżempju)*

1. Il-ħamest iħbieb ftiehmu li jmorru sal-ġnien ta' ħdejn l-iskola.
2. Wara li lagħbu ftit marru fil-ħanut tal-ġelati li hemm fil-ġnien.
3. Huma qagħdu bilqiegħda fuq il-banketti li kien hemm.
4. Kien hemm mara dħulija ħafna tbigħ il-ġelat.
5. Il-bniet xtraw ġelat tajjeb kull wieħed.
6. Is-subien damu ħafna biex jagħżlu x'ġelat riedu.
7. Waqt li bdew jieklu l-ġelat it-tfal bdew jitkellmu.
8. Kemm kien tajjeb il-ġelat li kielu t-tfal! U kemm ħadu gost fil-ġnien!